# PROGRAMM TAL-FESTI LI SE JSIRU FIL-KNISJA KOLLEĠĠJATA TA' SAN PAWL NAWFRAGU - VALLETTA 10 TA' FRAR 2009

**Is-Sibt, 24 ta' Jannar - ĦRUĠ TA' L-ISTATWA TA' SAN PAWL MIN-NIĊĊA**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa konċelebrata bis-sehem ta' Reverendissimu Kapitlu. Il-konċelebrazzjoni titmexxa mill-Arċipriet, il-Kanonku Alfred Camilleri. Isir fiha talb speċjali għas-suċċess tal-Festa. Wara l-Konċelebrazzjoni l-Istatwa ta' San Pawl tinħareġ min-niċċa tagħha u titqiegħed għall-qima tagħna fil-knisja. Tingħad il-kurunella ta' San Pawl minn Rev. Kan. John Ciarlò. Minħabba li qegħdin fis-Sena Pawlina jsiru riflessjonijiet meħuda mill-kitbiet ta' San Pawl. Il-fjamma Pawlina tinxtegħel b'mod solenni quddiem l-Istatwa ta' San Pawl.

**It-Tnejn, 26 ta' Jannar**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Konċelebrazzjoni li fiha ssir il-kandidatura tal-membri ta' l-Istitut sekular ta' Sta. Angela Merici. Dan l-Istitut għandu s-sede tiegħu fil-Parroċċa. Dawn jiltaqgħu fiċ-Ċentru Parrokkjali Santu Rokku nhar ta' Tnejn filgħodu. Il-konċelebrazzjoni se titmexxa minn P. Amadeo Zammit O. Carm., id-delegat ta' Mons. Arċisqof għall-ħajja reliġjuża. Il-Kan. Kantur Ġwann Borg huwa d-Direttur Spiritwali.

**It-Tlieta, 27 ta' Jannar**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Kommunità tal-Patrijiet Franġiskani. Imexxi l-Gwardjan P. Marcello Ghirlando o.f.m. Jieħu sehem il-kor ta' l-Antonjani.

**L-Erbgħa, 28 ta' Jannar - GRUPP KARIŻMATIKU 'ĦNIENA DIVINA'**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa organizzata u animata mill-Grupp Kariżmatiku. Imexxi l-Quddiesa, Rev. P. Tonio Mifsud o.f.m. Conv.

**Il-Ħamis, 29 ta' Jannar – JUM IL-MAGĦMUDIJA**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa li fiha se jitbierek il-Battisteru l-ġdid. F'din il-Quddiesa ser jiġi ċċelebrat is-Sagrament tal-Magħmudija. Iqaddes l-Arċipriet Kan. Alfred Camilleri.

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar – JUM IT-TFAL**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa organizzata għat-tfal. Iqaddes P. Joseph Zahra O.P. It-tfal kollha li jieħdu sehem fil-Quddiesa jingħataw rigal ta' l-okkażjoni.

**Is-Sibt, 31 ta' Jannar – JUM IL-FAMILJA NISRANIJA**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa mmexxija minn P. William Axiaq o.f.m. Cap. Wara l-Evanġelju jsir it-tiġdid tas-Sagrament taż-żwieġ. Tingħata tifkira ta' l-okkażjoni. Din il-quddiesa se tkun organizzata mill-Kummissjoni Familja tal-Parroċċa.

**Il-Ħadd, 1 ta' Frar – JUM L-GHAQDA TAL-PAWLINI**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa organizzata u animata mill-membri ta' l-Għaqda tal-Pawlini. Iqaddes Rev. Mons. Charles Cordina, Segretarju Pastorali. Il-Pawlini kollha huma mistennija li jkunu preżenti.

**It-Tnejn, 2 ta' Frar – FESTA TAL-PREŻENTAZZJONI TAL-MULEJ FIT-TEMPJU**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Konċelebrazzjoni bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata San Pawl Nawfragu.

**It-Tlieta, 3 ta' Frar – JUM L-GĦAQDIET U L-OPERATURI PASTORALI**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa organizzata u animata mill-Kummissjoni Liturġika tal-Parroċċa. Il-membri kollha ta' l-Għaqdiet reliġjużi, l-Operaturi Pastorali u l-membri kollha li jiffurmaw l-ewwel unità parrokkjali huma mistennija li jkunu preżenti. Iqaddes Mons. Anton Gouder, Pro-Vigarju. Wara l-quddiesa, bibita mogħtija mill-Arċipriet fi Domus Pauli.

**L-Erbgħa, 4 ta' Frar - JUM IL-KELMA T'ALLA**

5.30 p.m. Rużarju u Barka Sagramentali.

6.00 p.m. Quddiesa mmexxija mill-Kan. Jesmond Manicaro, responsabbli mill-Kummissjoni Liturġika Djoċesana. Wara l-omelija, dawk kollha li jaqraw il-Kelma t'Alla fil-knisja jġeddu l-mandat tagħhom.

**Il-Ħamis, 5 ta' Frar – L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

5.00 p.m. Għasar kantat immexxi minn Mons. Alex Cordina.

5.30 p.m. Rużarju.

6.00 p.m. Quddiesa kantata solenni. Iqaddes il-Kan. Kanċellier Ġwann Ciarlò. Wara l-quddiesa, l-ewwel priedka tat-Tridu. Il-predikatur se jkun P. Charles Tabone O.P. Innu, Antifona, u Barka Sagramentali. Wara l-Barka Sagramentali jkun hawn il-bews tar-Relikwija tad-Driegħ Mirakoluż ta' San Pawl.

**Il-Ġimgħa, 6 ta' Frar - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

5.00 p.m. Għasar kantat immexxi mill-Kan. Joseph Grech Cremona.

5.30 p.m. Rużarju.

6.00 p.m. Quddiesa kantata solenni. Iqaddes il-Kan. Ġwann Borg. Wara l-quddiesa, priedka tat-Tridu. Il-predikatur se jkun P. Charles Tabone O.P. Innu, Antifona, u Barka Sagramentali. Wara l-Barka Sagramentali jsir il-bews tar-Relikwija tad-Driegħ Mirakoluż ta' San Pawl. Wara li jispiċċa kollox jiġi mbierek u inawgurat it-tieni sular ta' Domus Pauli. Kulħadd mistieden ikun preżenti.

**Is-Sibt, 7 ta' Frar - IT-TIELET U L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU**

5.00 p.m. Għasar kantat immexxi mill-Kan. Frans Perici Calascione.

5.30 p.m. Rużarju.

6.00 p.m. Quddiesa kantata solenni. Iqaddes l-Arċipriet il-Kan. Alfred Camilleri. Wara l-Evanġelju jiġi mġedded il-mandat tal-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. Wara l-quddiesa, priedka tat-Tridu. Il-predikatur se jkun P. Charles Tabone O. P. Innu, Antifona, u Barka Sagramentali. Wara l-Barka Sagramentali jsir il-bews tar-Relikwija tad-Driegħ Mirakoluż ta' San Pawl. Wara li jispiċċa kollox tiġi mbierka l-ġirandola u l-Ventartal tas-Sagrament wara li dawn ġew restawrati mis-Sur Brian Parsons.

**Il-Ħadd, 8 ta' Frar – MIXJA PAWLINA FIL-KAPITALI**

Filgħodu l-Quddies ikun fil-ħinijiet tas-soltu. Wara nofs-in-nhar bejn it-3.00 p.m. u s-7.00 p.m. attività organizzata mill-Kumitat Djoċesan tas-Sena Pawlina.

**Se tiġi organizzata Ċelebrazzjoni Liturġika Pawlina f'seba' knejjes prinċipali tal-Belt fuq is-seba' knejjes li waqqaf San Pawl jiġifieri f'Korintu, Efesu, Galazja, Filippi, Kolossi, Ruma, Tessalonika. F'kull knisja se ssir riflessjoni minn Duttur ta' l-Iskrittura. Il-knejjes li fihom se jsiru dawn iċ-ċelebrazzjonijiet se jkunu dawn: Knisja ta' San Duminku, Knisja ta' Santu Wistin, Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, Knisja ta' San Franġisk, Knisja ta' San Ġakbu, Knisja tal-Ġiżwiti, Knisja ta' Ġieżu, u l-Knisja ta' San Pawl Nawfragu. In-nies li jiġu jkunu jistgħu jimxu minn knisja għall-oħra, imma l-importanti li fl-aħħar jiġu fil-Knisja ta' San Pawl. Iċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru fil-Knisja ta' San Pawl ser jitmexxew mill-Isqof Mario Grech, mill-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca, u mill-Arċisqof tagħna Pawl Cremona. Ser ikun hemm *liaison officers* fit-toroq tal-Belt jiggwidaw il-pellegrini.**

**It-Tnejn, 9 ta' Frar - LEJLIET IL-FESTA**

10.00 a.m. Quddiesa għall-morda u għall-anzjani, li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Iqaddes il-Kan. Rev. Vincent Borg, Viċi-Parroku.

5.15 p.m. Wasla ta'l-E.T. Mons. Pawl Cremona, Arċisqof ta' Malta fil-Knisja Kolleġġjata San Pawl Nawfragu.

5.30 p.m. Translazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Pawl Cremona, Arċisqof ta' Malta. Għasar Solenni bis-sehem tal-Kor u l-Orkestra.

7.15 p.m. Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Isqof Francis Adeodato Micallef ocd. Għal din il-quddiesa se jiġu mistiedna diversi missjunarji, saċerdoti, u sorijiet li ħadmu xi żmien barra minn pajjiżna.

**Is-Sibt, 10 ta' Frar - JUM IL-FESTA TAN-NAWFRAĠJU TA' SAN PAWL**

7.00 a.m. Quddiesa li għaliha huma mistiedna jikkonċelebraw il-Kappillani u r-Retturi tal-Belt. Imexxi l-konċelebrazzjoni il-Provinċjal P. Sandro Overend o.f.m.

8.00 a.m. Quddiesa li għaliha jiġu mistiedna rappreżentanza minn Kapitli oħra u saċerdoti oħra. Imexxi din il-konċelebrazzjoni l-Kanonku Anton Galea Scannura, Kappillan tal-Kalkara.

9.00 a.m. Jasal l-E.T. Mons. Pawl Cremona, Arċisqof ta' Malta.

9.15 a.m. Quddiesa Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Pawl Cremona, Arċisqof ta' Malta. Wara l-Evanġelju, jinseġ il-paneġierku l-E.T. Monsinjur Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

11.45 a.m. Quddiesa letta. Iqaddes Rev. P. Robert Farrugia O. Carm.

3.45 p.m. Quddiesa bl-Ingliż għall-viżitaturi. Iqaddes il-Prof. P. Peter Serracino Inglott.

5.00 p.m. Għasar lett.

5.30 p.m. Purċissjoni Sinodali bl-Istatwa devota ta' San Pawl u d-Driegħ Mirakoluż. Imexxi l-purċissjoni Rev. Mons. Alex Cordina.

7.00 p.m. Fi Pjazza San Ġwann, l-Arċipriet il-Kan. Alfred Camilleri jmexxi l-Istqarrija tal-Fidi.

9.30 p.m. Dħul tal-Purċissjoni, Innu, Antifona, u Barka Sagramentali.

**Matul il-ġranet tal-Festa jieħu sehem il-Kor Parrokkjali 'Saulus' taħt id-direzzjoni tas-Sur Albert Scicluna. Fil-ħruġ ta' l-Istatwa ta' San Pawl min-niċċa , u mill-Ewwel Jum tat-Tridu 'l quddiem, il-Kor u l-Orkestra jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dr. Joseph Gatt Ph.D.,**